# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 4**

**Rikors numru 463/13/1 SM**

**Vincent Arnaud**

**v.**

**Salvina Abela u b'digriet tal-24 ta' Frar 2015, l-atti ġew leġittimati f'isem Rita Xerri, Anthony Abela, Jesmond Abela u Anna Maria Cini**

1. B'din is-sentenza qiegħed jiġi deċiż l-appell tal-attur mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla tal-24 ta' Ottubru 2017 li ċaħdet it-talbiet tiegħu sabiex jingħata aċċess ħieles fil-fond 12, Triq l-Isptar il-Qadim, Valletta, fejn kienet tirrisjedi ommu Giovanna Arnaud flimkien ma' oħtu, il-konvenuta Salvina Abela. Il-konvenuta mietet fl-4 ta' Novembru 2014, għalhekk waqt il-kawża, u b'digriet tal-24 ta' Frar, 2015 daħlu wliedha bħala parti.

**Preliminari:**

2. Il-kawża nfetħet b'rikors maħluf ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim' Awla fil-15 ta' Mejju 2013. L-attur qal li ommu Giovanna Arnaud kellha r-residenza tagħha fil-'*kerrejja'* numru 12, Triq l-Isptar il-Qadim, Valletta, ħlief għal xi kmamar li kienu fil-pussess ta' oħtu l-konvenuta. Jgħid li kellu ċ-ċavetta tal-fond u b'hekk aċċess ħieles għalih u wara li mietet ommhom, il-konvenuta bidlet is-serratura tal-bieb tal-fond u ma setax jidħol iktar fil-fond. Iżid li l-konvenuta abbużivament approprjat ruħha mill-oġġetti fl-abitazzjoni li huma wirt ta' ommhom u baqgħet tirrifjuta tagħtih aċċess ħieles għall-fond u għall-oġġetti tal-wirt ta' ommhom. Talab għalhekk lill-Qorti:

> *"i. Tordna lill-intimata minnufih tippermetti l-aċċess ħieles għar-rikorrent tal-fond numru 12, Triq l-Isptar il-Qadim, Valletta;*
>
> *ii. Fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrent biex, a spejjeż tal-intimata, ibiddel is-serratura talb-bieb tal-fond imsemmi.*
>
> *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' Marzu 2013, kontra l-intimata, li tibqa' inġunta għas-subizzjoni".*

3. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fit-12 ta' Ġunju 2013[1], il-konvenuta wieġbet:

> *"1. Illi l-attur ma għandu ebda dritt ta' aċċess għall-fond u għandu jispjega liema intitolament huwa qiegħed jivvanta f'din il-kawża b'dan illi hekk kif dan isir, l-eċċipjenti tirriserva illi tressaq eċċezzjoni ta' preskrizzjoni jew ta' dekadenza skont il-każ.*

[1] Fol. 12.

*2. Illi għalkemm ma jirriżultax mir-rikors ġuramentat promotur, il-fond 12, Triq l-Isptar il-Qadim, Valletta, jappartjeni lil terzi u kien mikri lil omm il-kontendenti u li din il-kirja mbgħad ġiet trasfuża lil eċċipjenti (u l-mejjet żewġha) meta mietet ommm il-kontendenti. Għalhekk b'din il-kawża l-attur kien qiegħed jittenta jikseb id-dritt illi jaċċedi liberament fid-dar tal-abitazzjoni tal-eċċepjenti.*

*3. Illi huwa minnu li għal ftit xhur diversi snin ilu l-attur kellu kopja taċ-ċavetta ta' dan il-fond u huwa minnu ukoll illi meta l-eċċepjenti biddlet is-serratura tal-bieb, l-attur ma ngħatax kopja taċ-ċavetta tas-serratura l-ġdida. Dan seħħ sa fejn tiftakar l-eċċepjenti madwar sebgħa (7) snin ilu.*

*4. Illi t-termini għall-istituzzjoni ta' azzjonijiet possessorji għalqu snin ilu. Is-sempliċi fatt li l-attur xi darba jeżerċita dritt ma għandha ebda rilevanza f'azzjoni illi ma hiex possessorja".*

4. Permezz ta' nota ppreżentata fid-19 ta' Mejju 2016[2], l-attur iddikjara li:

*"bi tweġiba għat-talba mressqa mill-intimati seduta stante fl-14 ta' April 2016, qiegħed jinforma lil din l-Onorabbli Qorti 'lli l-odjerna hija kawża possessorja ntiża sabiex l-esponenti jerġa' jingħata aċċess ħieles tal-immobbli ġewwa n-numru 12, Triq l-Isptar Qadim, Valletta".*

5. B'sentenza tal-24 ta' Ottubru 2017 il-Qorti Ċivili, Prim' Awla ċaħdet it-talbiet tal-attur. Ir-raġunament tal-Ewwel Qorti kien is-segwenti:

*"13. Illi gialadarba r-rikorrenti ma jispecifikax liema mill-azzjonijiet possessorji hi l-procedura prezenti minnu intrapriza, din il-qorti hi kostretta tanalizza l-artikli 534 u 535 tal-Kapitlu 16 biex b'hekk tkun tista' tasal ghal din il-konkluzjoni hi stess;*

*Ikkunsidrat:*

*14. Illi fl-essenzjalita` tieghu l-artiklu 534 tal-Kap 16 hu l-**actio manutentionis** li jistipula li:*

> *"Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' haga immobbli, jew ta' universalita` ta' hwejjeg mobbli, jigi mmolestat f'dak il-pussess, jista', fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f'dak il-*

---
[2] Fol. 99.

*pussess, basta li ma jkunx ha b'idejh dak il-pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b'titolu prekarju";*

*15. Illi min-naha l-ohra fl-essenzjalita` tieghu l-artiklu 535 tal-Kap 16 hu l-**actio spolii** li jistupula li:*

*"1. Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista' fi zmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terga tigi mqeghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-artiklu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

*"2. Dan it-tqeghid mill-gdid fil-pussess jigi mill-qorti wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-haga li taghha l-attur ikun bata l-ispoll";*

*Ikkunsidrat:*

*...*

*22.0. Illi fid-dawl:*

*22.1. Kemm tar-rekwiziti tal-istess actio manutentionis, (ara paragrafu numru erbatax, (14.), aktar qabel);*

*22.2. Kif ukoll tas-sentenza fl-ismijiet Vella et vs. Borg, (ara paragrafu numru tnax, (12.), aktar qabel), ghandu jirrizulta pacifiku li l-azzjoni possessorja in dizamina hi l-actio manutentionis u mhux l-actio spoli fuq riferita;*

*Ikkunsidrat:*

*23.0. Illi fir-rigward tar-raba eccezzjoni sollevata mill-intimati, (ara foll 12), jinghad sintetikament is-segwenti:*

*23.1. Illi r-rikorrenti kien bghat ittra interpellatorja lill-intimata Abela fl-10 ta' Dicembru, 2007, (ara foll 79);*

*23.2. Illi l-procedura odjerna giet intavolata fil-15 ta' Mejju, 2013, (ara foll 1), kwazi sitt (6) snin wara l-molestja;*

*23.3. Illi ghalhekk il-procedura odjerna giet intavolata abbundantement oltre l-perjodu stipulat ghal tali azzjoni fl-artiklu 534 tal-Kap 16, (ara paragrafu numru erbatax, (14.), aktar qabel);*

*Ikkunsidrat:*

*24. Illi konsegwenza tal-istess superament tat-terminu perentorju fuq indikat wiehed mill-erba' (4) rekwiziti tal-artiklu 534 fuq riferit ma giex sodisfatt;*

*25. Illi di piu`, l-erba' rekwiziti hemm riferiti huma mehtiega li jkunu sodisfatti kumulattivament;*

*26. Illi konsegwentement, la r-rekwiziti tal-artiklu 534 tal-Kap 16 ma jirrizultawx ghalhekk sodisfatti, allura l-actio manutentionis tentata mir-rikorrenti ma tistax tirnexxi;*

*27. Illi konsegwentement ghandha tigi akkolta ir-raba' (4) eccezzjoni sollevata mill-intimati;*

*Ikkunsidrat:*

*28. Illi ghall-ekonomija tal-gudizzju jinghad li ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-tieni parti tal-talba tar-rikorrenti senjatament fejn isosstni li l-intimata Salvina Abela approprijat ruhha minn oggetti mobbli li kienu fil-fond in dizamina li kienu parti mill-wirt kommuni tal-kontendenti, jinghad li ghandha ssir kawza ad hoc fir-rigward;*

*Ikkunsidrat:*

*29.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti m'ipprovax ittalbiet tieghu ..."*

6. Fit-13 ta' Novembru 2017 l-attur appella u talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet tal-atturi.

7. Il-konvenuti wieġbu illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma u għalhekk l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet:</u>**

8. Il-<u>fatti</u> huma dawn:

8.1. Skont ma jgħid l-attur innifsu[3] ommu u missieru kellhom żewġt ikmamar fil-kerrejja bin-numru 12, Triq l-Isptar Qadim, il-Belt Valletta fejn twieldu u trabbew il-partijiet. Jgħid li s-saqaf tal-fond kellu ħsarat u s-sid ma riedx jirranġah għaliex il-kera kienet baxxa u għal din ir-raġuni l-inkwilini tal-kmamar l-oħra eventwalment telqu u baqgħet il-familja tiegħu biss f'dak il-fond;

8.2. Skont ulied il-konvenuta, l-attur baqa' jgħix fil-fond inkwistjoni sakemm iżżewweġ, meta mar joqgħod il-Gżira[4];

8.3. L-attur xehed li fil-bidu tas-snin sebgħin, oħtu l-konvenuta, li kienet iżżewġet u marret toqgħod Bormla, kellha xi problemi u ommhom offritilha kamra fil-fond, ċioè dik immarkata bin-numru 3 f'Dok VA1 a fol. 23[5]. Iżda meta t-tfal tagħha kibru l-konvenuta żgassat il-bieb tal-kamra numru 2 u bdiet tuża hemm ukoll. Il-kumplament baqa' jiġi użat mill-ġenituri tal-partijiet u oħthom oħra li baqgħat xebba jisimha Carmela;

8.4. Skont ulied il-konvenuta, f'dak iż-żmien l-attur ma kellux aċċess għad-dar u meta kien iżurhom kien iċempel il-qanpiena u huma kienu

---

[3] Fol. 20.
[4] Fol. 66.
[5] Kopja aktar ċara tinsab a fol. 40.

jiftħulu jew idendlulu ċ-ċavetta.[6] L-attur dan jikkontestah u jsostni li dejjem kellu ċavetta tal-bieb ta' barra[7];

8.5. Omm il-partijiet mietet fit-12 ta' Frar 1991[8] u oħthom Carmela mietet fl-2004[9]. Ulied il-konvenuta jgħidu li wara l-mewt ta' Carmela l-partijiet ippruvaw jaqsmu l-beni li kien hemm iżda l-attur qalilhom li ma kellux fejn ipoġġi l-oġġetti li kellu jieħu u għalhekk ried żewġt ikmamar mill-fond. Qalu li ommhom ma kinitx lesta li tħalli n-nies jidħlu f'darha u għalhekk irrifjutat. B'hekk il-kmamar ta' ommhom Giovanna u oħthom Carmela ngħalqu b'żewġ katnazzi, u ta' wieħed żamm ċavetta l-attur u tal-ieħor żammet iċ-ċavetta l-konvenuta biex b'hekk ħadd mill-partijiet waħdu ma seta' jidħol f'dawn il-kmamar;

8.6. Ulied il-konvenuta (illum konvenuti minflokha) jgħidu wkoll li safrattant l-attur kien ikkonvinċa lil ommhom Salvina tagħtih kopja taċ-ċavetta tal-bieb ta' barra u din tatu kopja bil-moħbi tagħhom għaliex kienet tibża' mill-attur. Jgħidu iżda li xi żmien wara, bejn wieħed u ieħor fl-2005[10], missierhom qal li tilef iċ-ċwievet u minn hemm bidlu s-serratura u lill-attur ma reġgħatx tatu kopja;

[6] Fol. 66, 68.
[7] Fol. 21.
[8] Fol. 25.
[9] Fol. 21.
[10] Fol. 95.

8.7. L-attur jikkonferma li meta nduna li nbidlet is-serratura, talab kopja taċ-ċwievet tal-bieb prinċipali lil oħtu l-konvenuta għaliex qal li dejjem kellu ċavetta. Madankollu l-kopja taċ-ċavetta qatt ma waslet. Stqarr li kull meta mar dejjem fetħitlu, madanakollu kienet tgħidlu li hemm tagħha. Min-naħa l-oħra huwa kien jinsisti li hemmhekk tiegħu wkoll;

8.8. Skont ulied il-konvenuta l-inkwiet bejn il-partijiet beda fl-2007, wara li miet missierhom. Jgħidu li l-attur għamel diversi rapporti l-għassa kontra ommhom, permezz ta' liema akkużaha li misset l-affarijiet ta' ommu u li eventwalment hija tressqet kriminalment però qatt ma nstabet ħatja. Isostnu li l-attur heddida sal-punt li fl-aħħar, kontra qalbha, ħarġet mill-fond inkwistjoni u marret toqgħod f'appartament ħdejn bintha;[11]

8.9. F'dan ir-rigward il-konvenuti ppreżentaw ittra legali mibgħuta mill-attur lil ommhom datata 10 ta' Diċembru 2007.[12] Ittra li l-istess attur bagħat lil Spettur tal-Pulizija sabiex jibda proċeduri kriminali kontra ommhom u datata 15 ta' Marzu 2010.[13] Ippreżentaw ukoll taħrika ta' kawża tal-Pulizija Eżekuttiva maħruġa ftit xhur wara;[14]

---

[11] Fol. 69.
[12] Fol. 79.
[13] Fol. 80.
[14] Fol. 81.

8.10. Il-konvenuta Salvina Abela mietet fl-4 ta' Novembru 2014[15] u b'digriet mogħti fl-24 ta' Frar 2015 l-atti ġew trasfużi f'ishem uliedha;

8.11. In kontroeżami l-konvenuta bintha Rita Scerri tgħid li ċ-ċavetta tal-fond difnitha ma' ommha. Fl-istess nifs tgħid illi marret tirritorna ċ-ċavetta lill-*Housing* għaliex fil-frattemp skopriet illi sid il-kera, li safrattant miet, kellu dik d-dar b'ċens temporanju mill-*Housing*[16] li kien jagħlaq fl-2040;[17]

8.12. L-attur jilmenta li kienu ċemplulu mid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex joħroġ l-affarijiet li kellu fil-fond fi żmien ġimgħa iżda huwa rrifjuta għaliex skontu d-Dipartiment hu estranju għall-fond inkwistjoni;[18]

8.13. Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-25 ta' Marzu 2013,[19] l-attur interpella lill-konvenuta tagħtih aċċess għall-fond kerrejja bin-numru 12, fi Triq l-Isptar Qadim, il-Belt Valletta abbażi tal-allegazzjoni li tali fond flimkien ma' diversi oġġetti li jinsabu ġo fih huma wirt ta' ommhom Giovanna;

8.14. Fil-15 ta' Mejju 2013 fetaħ il-kawża;

[15] Fol. 47.
[16] Fol. 95.
[17] Fol. 69.
[18] Fol. 21.
[19] Fol. 4.

9. L-appellant jilmenta li s-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad '*illimitat u rrestrinġiet serjament'* l-allegati jeddijiet tiegħu, '*fosthom dawk possessorji*'. Jispjega li huwa mhuwiex jikkontesta l-prinċipji enunċjati mill-Ewwel Qorti dwar l-Artikoli 534 u 535 tal-Kodiċi Ċivili. Jikkontendi iżda li, min hu fil-pożizzjoni tiegħu, mhuwiex limitat għal dawk iż-żewġ azzjonijiet għaliex, kieku dak kien il-każ, ikun ifisser li f'każ fejn pussessur ma jintavolax dawk l-azzjonijiet entro t-termini ta' dekadenza hemm stabbiliti, il-liġi tagħti dritt perpetwu lil min ikun ikkommetta r-reat. L-appellant jargumenta li huwa ma jistax jeżerċita azzjoni petitorja għaliex mhux is-sid tal-fond inkwistjoni. Isostni iżda li huwa komproprjetarju flimkien ma' oħtu l-konvenuta tal-jedd lokatizju li huma wirtu mingħand ommhom u għalhekk, a tenur tal-Artikoli 489, 490 u 491 tal-Kap. 16, din tal-aħħar ma setgħetx teskludih minn sehmu. Kompla li apparti l-azzjonijiet maħsuba fl-Artikoli 534 u 535 tal-Kodiċi Ċivili, huwa kellu dritt jeżerċita azzjoni sabiex jiggarantixxi d-drittijiet tiegħu skont l-Artikoli 489, 490 u 491 tal-istess Kodiċi.

10. B'nota preżentata fid-19 ta' Mejju 2016 kien l-attur li ddikjara li l-kawża li fetaħ hi kawża possessorja *".... intiża sabiex l-esponent jerġa' jingħata aċċess ħieles għall-immobbli ġewwa n-numru 12, Triq l-Isptar il-Qadim, Valletta"*.[20]

[20] Fol. 99.

11. Jiġi mtenni li:

> *"Dawn l-azzjonijiet possessorji taht il-Kodici Civili taghna huma tnejn u cioe`:*
>
> *(i) azzjoni sabiex il-pussessur jinzamm fil-pussess f'kaz ta' molestja (Art. 534); u*
>
> *(ii) azzjoni ghar-radd tal-pussess f'kaz ta' spoll (Art. 535).*
>
> *Fl-ewwel kaz l-attur li jkun gie disturbat fil-pussess jitlob li ma jibqax jigi mfixkel fit-tgawdija tieghu tal-haga. Fit-tieni kaz jitlob li jerga' jitqieghed fl-istat li kien qabel ma gie mnezza bi vjolenza jew bil-mohbi minn dak il-pussess. Il-**Borsari** hekk ifissir id-distinzjoni bejn iz-zewg azzjonijiet:*
>
>> *"Chi e' molestato nel possesso puo' chiedere la manutenzione e chi e' stato spogliato del possesso puo' chiedere la reintegrazione: in quel caso il possesso si ritiene quantunque intorbidato dalla molestia, in questo il possesso e' perduto. (Comm.Cod. Civ. Vol. II # 1186)."*[21]

12. Mill-provi hu evidenti li l-kawża nfetħet ferm wara l-perjodu ta' dekadenza li japplika għall-*actio spolii* u l-*actio manutentionis*.

13. Fir-rikors tal-appell l-attur ilmenta li l-Ewwel Qorti llimitat il-jeddijiet tiegħu u dan ser iwassal biex il-konvenuti jibqgħu jżommu ħwejġu. Madankollu, kien l-attur stess li bin-nota li ppreżenta fid-19 ta' Mejju 2016 iddikjara li fetaħ kawża possessorja.

14. L-attur irrefera għall-Artikolu 489 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> *"489.(1) Hemm il-komunjoni tal-beni meta l-proprietà tal-istess ħaġa waħda, jew tal-istess jedd wieħed, hija ta' żewġ persuni jew iżjed pro indiviso".*

---

[21] *John Muscat u Pawlu Portelli v. Joseph Portelli*, deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2010.

15. Dispożizzjoni li mhijiex rilevanti ġaladarba hu stess iddikjara li l-kawża li fetaħ hi kawża possessorja.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
| --- | --- | --- |

Deputat Reġistratur
rm